SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

22 ta' Diċembru 2008 *

Fil-Kawża C-276/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Lulju 2005, fil-proċedura

The Wellcome Foundation Ltd

vs

Paranova Pharmazeutika Handels GmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President tal-Awla, J.-C. Bonichot, J. Makarczyk, L. Bay Larsen (Relatur) u C. Toader, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: K. Sztranc-Sławiczek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' April 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal The Wellcome Foundation Ltd, minn L. Wiltschek u E. Tremmel, Rechtsanwälter,

— għal Paranova Pharmazeutika Handels GmbH, minn R. Schneider, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Elleniku, minn O. Patsopoulou, G. Alexaki u M. Apessos, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn W. Wils u. H. Krämer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tal-ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 1989, L 40, p. 1), kif emendata bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/104").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn The Welcome Foundation Ltd (iktar 'il quddiem "Wellcome"), propretarja tat-trade mark Awstrijaka ZOVIRAX u Paranova Pharmazeutika Handels GmbH (iktar 'il quddiem "Paranova") dwar mediċini tat-trade mark ZOVIRAX li tqiegħu fis-suq fl-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem iż-ŻEE) minn Wellcome jew minn terzi persuni, importati parallelament minn Paranova u kkummerċjalizzati minnha fl-Awstrija, wara li sar imballaġġ mill-ġdid.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/104, intitolat “Eżawriment tad-drittijiet mogħtija minn trade mark” jipprovdi:

“1. It-trade mark ma tagħtix lill-proprjetarju d-dritt li jipprojbixxi l-użu tagħha fir-rigward ta’ merkanzija li tqiegħdet fuq is-suq taħt dik it-trade mark mill-proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu.

2. Il-paragrafu 1 m’għandux japplika fejn jeżistu raġunijiet leġittimi għall-proprjetarju biex jopponi aktar kummerċjalizzazzjoni ta’ l-merkanzija, speċjalment fejn il-kundizzjoni ta’ l-merkanzija hi mibdula jew danneġġjata wara li tqiegħdet fuq is-suq.”

4 Skont l-Artikolu 65(2) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, moqri flimkien mal-punt 4 tal-Anness XVII ta’ dan il-ftehim, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/104 ġie emendat għall-finijiet ta’ dan il-ftehim, billi l-espressjoni “fil-Komunità” ġiet mibdula għal “fit-territorju ta’ parti kontraenti”.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

5 Skont l-Artikolu 10b (1) tal-liġi dwar il-protezzjoni tat-trade marks (Markenshutzgesetz), it-trade mark ma tagħtix id-dritt lill-propretarju tagħha li jipprojbixxi lil terzi persuni milli jużawha għal prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq fiż-ŻEE taħt din it-trade mark, mill-proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu. Skont l-Artikolu 10b (2) ta' din il-liġi, il-paragrafu 1 tagħha ma japplikax meta raġunijiet leġittimi jiġġustifikaw li l-proprjetarju jopponi l-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tal-prodotti, b'mod partikolari meta l-istat tal-prodotti jkun ġie mibdul jew alterat wara li jkunu tqiegħdu fis-suq.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Wellcome hija b'mod partikolari proprjetarja ta' żewġ trade marks verbali Awstrijaċi ZOVIRAX kif ukoll tat-trade mark figurattiva u verbali Awstrijaka ZOVIRAX, protetti għall-klassi tal-prodotti farmaċewtiċi. Fl-Awstrija, dawn it-trade marks huma regolarment użati minn GlaxoSmithKline Pharma GmbH bil-kunsens ta' Wellcome.

7 Paranova teżerċita attività ta' grossista tal-mediċini. Hija tikkummerċjalizza b'mod partikolari fl-Awstrija mediċini tat-trade mark ZOVIRAX f'pakketti ta' 60 pillola ta' 400 mg (ZOVIRAX 400/60), li kienu tqiegħdu fis-suq fl-Istati Membri taż-ŻEE minn Wellcome jew minn terzi persuni, bil-kunsens ta' din il-kumpanniji, u li ġew mixtrija mill-kumpannija parent ta' Paranova fil-kummerċ regolari tal-mediċini.

8 Paranova tikkummerċjalizza dawn il-mediċini b'imballaġġ ġdid, fejn id-dehra esterna hija kompletament differenti minn dik tal-imballaġġ tal-prodott ta' oriġini. Fuq quddiem dan l-imballaġġ ġdid hemm miktub, b'tipa ħoxna, ir-referenza "ippakkjat mill-ġdid u importat minn Paranova". L-indikazzjoni tal-isem tal-manifattur tinsab fil-ġenb u fuq wara tiegħu b'tipa normali. Dan l-imballaġġ il-ġdid huwa mdawwar b'faxx blu, bħal dak ġeneralment użat minn Paranova għall-mediċini li hija tikkummerċjalizza.

9 B'ittra tat-12 ta' Mejju 2003, Paranova informat lill-kumpannija Awstrijaka li għandha l-istess kumpannija parent bħal Wellcome bl-intenzjoni tagħha li tikkummerċjalizza ż-ZOVIRAX 400/60 fl-Awstrija. Hija hemżet ma' din l-ittra fotokopja bil-kulur tal-imballaġġ estern, blister packs u l-istruzzjonijiet għall-użu ta' din il-mediċina. Għalhekk il-kumpannija Ingliża li għandha l-istess kumpannija parent bħal Wellcome talbet lil Paranova li tibda minn dak il-waqt tibgħat l-informazzjoni relatata ma' dan it-tip ta' kummerċjalizzazzjoni lil GlaxoSmithKline Corporate Intellectual Propery (iktar 'il quddiem "Glaxo") u li magħha żżid kampjun komplut ta' kull tip ta' imballaġġ kif ukoll indikazzjoni tal-Istat ta' esportazzjoni u r-raġunijiet preċiżi tal-ippakkjar mill-ġdid magħmul.

10 Paranova, billi kkomunikat ir-raġunijiet tal-ippakkjar mill-ġdid li hija kienet wettqet, iżda mhux l-Istat ta' esportazzjoni tal-mediċina kkonċernata, mill-ġdid ġiet mitluba minn Glaxo sa biex tindika dan l-Istat kif ukoll ir-raġunijiet preċiżi ta' dan l-ippakkjar mill-ġdid. Paranova sostniet f'din l-okkażjoni li ma kien hemm ebda raġuni għalfejn kellha tissemma l-informazzjoni relatata mal-importatur parallel b'mod li jkun jidher, b'kitba aktar kbira u aktar viżibbli minn dik tal-isem tal-manifattur. Il-preżentazzjoni distinta, li tirriżulta minn żewġ faxex ta' kulur imwaħħla fuq il-ġnub tal-pakkett, ukoll ġiet ikkontestata.

11 Min-naħa l-oħra, il-produzzjoni ta' kampjun komplut ta' kull tip ta' imballaġġ ġie mitlub minn Glaxo.

12 Fl-4 ta' Ġunju 2003, Paranova indikat li ma kienx possibbli għaliha, minħabba raġunijiet tekniċi marbuta mal-produzzjoni, li tipprovdi kampjun komplut tal-imballaġġ mitmum, b'mod partikolari jekk Glaxo ma kinitx lesta li ssostni l-ispiża.

13 Paranova timporta ż-ZIVIRAX 400/60 mill-Greċja. Din il-mediċina hija kkummerċjalizzata hemmhekk f'imballaġġ li fih 70 pillola. Fl-Awstrija, l-imballaġġ awtorizzat huwa previst għal 60 pillola.

14 Wellcome talbet, il-ħruġ ta' inġunzjoni provviżorja, quddiem il-Handelsgericht Wien, li Paranova tiġi ordnata sabiex tieqaf milli tipproponi u/jew li tikkummerċjalizza fis-suq, għal għanijiet ta' kompetizzjoni fl-Awstrija, mediċina ppakkjata mill-ġdid, b'mod partikolari ż-ZOVIRAX, fejn l-imballaġġ jinkludi trade marks imwaħħlin mill-ġdid jew trade marks eżistenti protetti, fl-Awstrija, favur Wellcome jekk:

— l-indikazzjoni tal-kumpannija li wettqet l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott tidher, fl-imballaġġ, b'tipa akbar u li tinqara aħjar u/jew f'pożizzjoni aktar viżibbli mill-indikazzjoni tal-manifattur.

— faxex ta' kulur, b'mod partikolari blu, ta' madwar 5 mm wiesgħa li jidhru fit-truf tal-pakkett ippakkjat mill-ġdid, bħal dawk li huma ta' spiss użati għall-prodotti kkummerċjalizzati minn Paranova,

— din ma informatx korrettament lil Wellcome, qabel it-tqegħid fis-suq tal-prodott ippakkjat mill-ġdid, bil-kummerċjalizzazzjoni maħsuba, billi b'mod partikolari

tindika wkoll l-Istat ta' esportazzjoni u r-raġunijiet preċiżi tan-neċessità tal-ippakkjar mill-ġdid.

15 B'digriet tas-7 ta' Mejju 2004, il-Handelsgericht Wien laqgħet it-talba ta' Wellcome. Fl-appell, fit-28 ta' Jannar 2005, l-Operlandesgericht laqgħet din it-talba safen tirrigwarda l-ewwel u t-tielet punti msemmija iktar 'il fuq u ċaħditha f'dak li jikkonċerna t-tieni punt.

16 Iż-żewġ partijiet fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors għal "Reviżjoni" quddiem l-Oberster Gerichtshof.

17 Din il-qorti tindika li, sabiex tiġi evalwata l-konformità tal-imballaġġ ġdid, huwa determinati li jiġi stabbilit jekk il-prova li l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott hijiex neċessarja, sabiex ma jiġix eskluż l-aċċess effettiv għas-suq, tingħata biss fir-rigward tal-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott inkwantu tali. F'każ ta' tweġiba pożittiva, għalhekk tiġi ssollevata l-kwistjoni dwar liema huma l-kriterji skont liema l-preżentazzjoni tal-imballaġġ il-ġdid għandha tiġi evalwata. F'dan il-każ hemm żewġ possibbiltajiet, jiġifieri evalwazzjoni fir-rigward tal-prinċipju li l-ħsara magħmula lit-trade mark għandha tkun l-aktar minima possibbli jew evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-imballaġġ il-ġdid fir-rigward tal-kwisjtoni jekk hija tistax tikkawża ħsara lir-reputazzjoni tat-trade mark u tal-proprjetarju tagħha. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-portata tal-obbligu ta' komunikazzjoni fuq l-importatur parallel.

18 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Oberster Gerichtsof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) a) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/104 […] u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ġiet deċiża dwaru għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru li prova li dipendenza fuq it-trade mark tikkontribwixxi għal tqassim artifiċjali għandha tiġi pprovduta mhux biss fir-rigward ta' l-ippakkjar ġdid innifsu, imma anki fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-imballaġġ ġdid?

Jekk ir-risposta għal din id-domanda hija fin-negattiv,

b) Il-preżentazzjoni ta' l-imballaġġ ġdid għandha tiġi mkejlha skont il-prinċipju tal-intervent minimu jew (biss) skont jekk hijiex tali li tikkawża dannu lir-reputazzjoni tat-trade mark u lill-proprjetarju tagħha?

2) L-Artikolu 7 tad-Direttiva [89/104] u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ġiet deċiża dwaru għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru li l-importatur parallel iwettaq id-dmir tiegħu tan-notifika minn qabel biss jekk jinforma lill-proprjetarju tat-trade mark anki bl-Istat ta' esportazzjoni u bir-raġunijiet preċiżi għall-ippakkjar mill-ġdid?"

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19 B'deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2005, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ssospenda l-proċedura sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-348/04.

20 Il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha f'din il-kawża (sentenza tas-26 ta' April 2007, Boehringer Ingelheim *et*, C-348/04, Ġabra p. I-3391).

21 B'ittra tat-30 ta' Mejju 2007, il-qorti tar-rinviju informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li hija żammet it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha safejn hija tirrigwarda l-ewwel domanda (b), u t-tieni domanda.

22 B'deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 2007, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna li titkompla l-proċedura.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq il-parti (b) tal-ewwel domanda

23 Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju 1996, Bristol-Myers Squibb *et* (C-427/93, C-429/93 u C-436/93, Ġabra p. I-3457), qalet li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-proprjetarju tat-trade mark jista' leġittimament jopponi l-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' prodott farmaċewtiku meta l-importatur ikun ippakkja mill-ġdid il-prodott u fuqu jwaħħal mill-ġdid it-trade mark, għajr meta:

— jiġi stabbilit li l-użu tad-dritt ta' trade mark mill-proprjetarju sabiex jopponi l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti ppakkjati mill-ġdid taħt din it-trade mark jikkontribwixxi sabiex is-swieq bejn l-Istati Membri jingħalqu artifiċjalment. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, meta l-proprjetarju jkun qiegħed fis-suq, f'diversi Stati Membri, prodott farmaċewtiku identiku f'ippakkjar differenti u meta l-ippakkjar mill-ġdid li jkun għamel l-importatur ikun, minn naħa, neċessarju sabiex il-prodott jiġi kkummerċjalizzat fl-Istat Membru ta' importazzjoni u, min-naħa l-oħra, iseħħ f'kundizzjonijiet tali li l-istat oriġinali tal-prodott ma jkunx jista' jiġi affettwat minnu;

— jiġi stabbilit li l-ippakkjar mill-ġdid ma jistax jaffettwa l-istat oriġinali tal-prodott li jinsab fl-mballaġġ;

— jiġi indikat kjarament fuq l-imballaġġ il-ġdid min wettaq l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott u l-isem tal-manifattur;

— il-preżentazzjoni tal-prodott ippakkjat mill-ġdid ma tkunx tali li tkun tista' tikkawża ħsara lir-reputazzjoni tat-trade mark u lil dik tal-proprjetarju tagħha. B'hekk, l-imballaġġ m'għandux ikun difettuż, ta' kwalità ħażina jew magħmul b'mod traskurat, u

— l-importatur javża, qabel il-bejgħ tal-prodott ippakkjat mill-ġdid, lill-proprjetarju tat-trade mark u jipprovdilu, fuq talba tiegħu, kampjun tal-prodott ippakkjat mill-ġdid.

24 Din il-kundizzjoni tal-aħħar tippermetti lill-proprjetarju jivverifika li l-ippakkjar mill-ġdid ma jsirx b'mod li jaffettwa direttament jew indirettament l-istat oriġinali tal-prodott u li l-preżentazzjoni wara l-ippakkjar mill-ġdid ma tkunx tali li tkun ta' ħsara għar-reputazzjoni tat-trade mark (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Bristol-Myers Squibb *et*, punt 78, kif ukoll Boehringer Ingelheim *et*, punt 20).

25 Il-kundizzjoni li l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott farmaċewtiku, b'mod partikolari permezz tal-imballaġġ mill-ġdid tiegħu, ikun neċessarju għall-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tiegħu fl-Istat Membru ta' importazzjoni tirreferi unikament għall-fatt tal-ippakkjar mill-ġdid u mhux għall-mod jew l-istil li bihom isir (ara s-sentenza Boehringer Ingelheim *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 38 u 39).

26 B'hekk, din il-kundizzjoni ta' neċessità tirreferi biss għall-fatt tal-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott, b'mod partikolari permezz tal-imballaġġ mill-ġdid tiegħu, u mhux għall-mod ta' preżentazzjoni ta' dan l-imballaġġ il-ġdid.

27 Peress li l-mod ta' preżentazzjoni tal-imballaġġ il-ġdid tal-prodott ma jiġix evalwat fid-dawl tal-kundizzjoni ta' neċessità għall-finjiet tal-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dan il-prodott, lanqas ma jista' jiġi evalwat skont il-kriterju li l-ħsara magħmula lid-dritt tat-trade mark għandha tkun l-aktar minima possibbli.

28 Fil-fatt ikun inkoerenti jekk jiġi aċċettat li m'hemmx lok li jiġi vverifikat jekk il-mod ta' preżentazzjoni tal-imballaġġ il-ġdid tal-prodott ikkonċernat, magħżul mill-importatur parallel, huwiex neċessarju għall-finijiet tal-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dan il-prodott u, fl-istess ħin, ikun meħtieġ li dan il-mod ta' preżentazzjoni jissodisfa l-kriterju tal-ħsara l-iktar minima possibbli għad-dritt tat-trade mark.

29 Kif jirriżulta mill-punti 23 u 24 ta' din is-sentenza, il-protezzjoni tal-proprjetarju tad-dritt tat-trade mark fir-rigward tal-mod ta' preżentazzjoni tal-imballaġġ tal-prodott farmaċewtiku, magħżul mill-importatur parallel, hija, bħala prinċipju, żgurata mill-osservanza tal-kundizzjoni li l-preżentazzjoni tal-prodott ippakkjat mill-ġdid m'għandhiex tkun tali li tista' tikkawża ħsara lir-reputazzjoni tat-trade mark u lil dik tal-proprjetarju tagħha.

30 B'hekk, il-parti (b) tal-ewwel domanda għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jiġi stabbilit li l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott farmaċewtiku, permezz tal-imballaġġ mill-ġdid tiegħu, huwa meħtieġ għall-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tiegħu fl-Istat Membru ta' importazzjoni, il-mod ta' preżentazzjoni ta' dan l-imballaġġ għandu jiġi evalwat biss fid-dawl tal-kundizzjoni li dan ma għandux ikun tali li jkun jista' jikkawża ħsara lir-reputazzjoni tat-trade mark u lil dik tal-proprjetarju tagħha.

Fuq it-tieni domanda

31 Wellcome issostni, essenzjalment, li l-komunikazzjoni tal-Istat ta' esportazzjoni u tar-raġunijiet preċiżi tal-ippakkjar mill-ġdid lill-proprjetarju tat-trade mark tippermetulu jivverifika jekk l-ippakkjar mill-ġdid huwiex neċessarju.

32 Fil-kuntest ta' kawża pendenti quddiem qorti nazzjonali bejn il-proprjetarju tat-trade mark u importatur parallel li jikkummerċjalizza, fi Stat Membru, prodott farmaċewtiku importat minn Stat Membru ieħor f'imballaġġ ġdid, huwa dan l-importatur parallel li għandu jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-eżistenza tal-kundizzjoni li l-użu tad-dritt ta' trade mark mill-proprjetarju tagħha sabiex jopponi l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti ppakkjati mill-ġdid taħt din it-trade mark jikkontribwixxi għall-għeluq artifiċjali tas-swieq bejn l-Istati Membri (ara s-sentenza Boehringer Ingelheim *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 24 u 54).

33 Kif ġie mfakkar fil-punt 23 ta' din is-sentenza, dan ikun il-każ, b'mod partikolari, meta l-proprjetarju jkun qiegħed fis-suq, f'diversi Stati Membri, prodott farmaċewtiku identiku f'ippakkjar differenti u meta l-ippakkjar mill-ġdid li jkun għamel l-importatur ikun neċessarju sabiex jikkummerċjalizza l-prodott fl-Istat Membru ta' importazzjoni.

34 Fid-dawl ta' dak li ntqal u fir-rigward tal-fatt li funzjonament adegwat tas-sistema ta' notifika jippreżupponi li kull waħda mill-partijiet interessati timpenja ruħha lealment sabiex tosserva l-interessi leġittimi tal-oħra (sentenza tat-23 ta' April 2002, Boehringer Ingelheim *et*, C-143/00, Ġabra p. I-3759, punt 62), huwa l-importatur parallel li għandu jipprovdi lill-proprjetarju tat-trade mark l-informazzjoni neċessarja u suffiċjenti sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jivverifika li l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott taħt din it-trade mark huwa neċessarju għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Istat Membru ta' importazzjoni.

35 Barra minn hekk, it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta jiddependi miċ-ċirkustanzi ta' kull każ. Ma jistax jiġi *a priori* eskluż li, f'każijiet eċċezzjonali, din l-informazzjoni tista' tinkludi l-indikazzjoni tal-Istat Membru ta' esportazzjoni, meta n-nuqqas ta' tali informazzjoni ma jħallix lill-proprjetarju tat-trade mark jevalwa n-neċessità tal-ippakkjar mill-ġdid.

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fil-każ li jirriżulta li l-informazzjoni pprovduta tintuża mill-proprjetarju tat-trade mark sabiex isib nuqqasijiet fl-organizzazzjoni ta' bejgħ tiegħu u b'hekk sabiex jiġġieled il-kummerċ parallel tal-prodotti tiegħu, huwa fil-kuntest tar-regoli tat-Trattat KE dwar il-kompetizzjoni li l-persuni li jipparteċipaw fil-kummerċ parallel jistgħu jipproteġu ruħhom minn dawn l-attivitajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 1997, Loendersloot, C-349/95, Ġabra p. I-6227, punt 43).

37 B'hekk it-tieni domanda għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa l-importatur parallel li għandu jipprovdi lill-proprjetarju tat-trade mark l-informazzjoni neċessarja u suffiċjenti sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jivverifika li l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott taħt din it-trade mark huwa neċessarju sabiex jiġi kkummerċjalizzat fl-Istat Membru ta' importazzjoni.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, kif emendata bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jiġi stabbilit li l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott farmaċewtiku, permezz tal-imballaġġ mill-ġdid tiegħu, huwa meħtieġ għall-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tiegħu fl-Istat Membru ta' importazzjoni, il-mod ta' preżentazzjoni ta' dan l-imballaġġ għandu jiġi evalwat biss fid-dawl tal-kundizzjoni li dan ma għandux ikun tali li jkun jista' jikkawża ħsara lir-reputazzjoni tat-trade mark u lil dik tal-proprjetarju tagħha.**

2) **L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 89/104, kif emendata bil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa l-importatur parallel li għandu jipprovdi lill-proprjetarju tat-trade mark l-informazzjoni neċessarja u suffiċjenti sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jivverifika li l-ippakkjar mill-ġdid tal-prodott taħt din it-trade mark huwa neċessarju sabiex jiġi kkummerċjalizzat fl-Istat Membru ta' importazzjoni.**

Firem